**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 47/2016

Data: 12 ta' Mejju 2016

Hin: 5:30 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Magda Magri Naudi*** *– Sindku*
***Stephanie Cutajar*** *– Viċi Sindku*
***Massimo Scerri*** *– Kunsillier*
***Dr. Marc Sant*** *– Kunsillier*
***Lorrianne Farrugia*** *- Kunsillier*

***Georgette Borg*** *– Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Proposed audit adjustments and amendments to Financial Statement year 2015.
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Korrispondenza;
6. VIP List

7. Affarijiet Oħra

8. Approvazzjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash.

9. Aġġornament.

**Minuti - *47/2016***

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.23p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi 'corrections' fuq minuti nr 46 tal-21 t'April 2016.

1.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar xtaqet tikkoreġi nr 4.9. Is-Segretarju ħadet nota biex din tiġi ikkoreġuta.

1.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar minuti nr 46 tal- 21 t'April 2016 ġew approvati unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 3.1 tal-minuti nr 46 fejn qalet li n-naħa taċ-ċimiterju ta' l-abbati għad hemm il-ħaxix li għad irid jinqata. Irid jiġi nfurmat il-kuntrattur biex isir dan ix-xogħol.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 4.23. Irid jiġi iċċekkjat mill-leġistratura preċedenti peress li żgur teżisti lista ta' ismijiet li għad iridu jissemmew toroq għalihom.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 3.8 fejn esprimit l-importanza li GreenPak iwaħħal stickers bit-taljan fl-appartamenti ta' Triq Salvu Mifsud għax qed jintrema ħafna skart kull ħin għar-raguni li residenti taljani li jgħixu hemm ma' jifhmux bl-ingliż u għalhekk għandu jinħareġ avviż ta' meta għandu jinġabar l-iskart. Din hija importanti ħafna li ssir.

2.4 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant xtaqt klarifikazzjoni fuq nr 4.3 fejn is-Sindku spjegat li resident kien ħareġ tlett *blocks* tal-concrete kbar peress li kienu qed jalqulu l-entratura tad-dar tiegħu. Dan ir-resident talab double yellow lines quddiem l-entratura u fl-aħħar laqgħa l-Kunsill approva ukoll li ssir tabella mir-resident li tgħid 'Private Residence do not park'

2.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk ġiex iccekkjat jekk l-isqaq ta' Triq Ġużeppi Portelli jagħmilx ma' Ħal Lija jew le. Is-Segretarju

nfurmat li dan l-isqaq jagħmel mal-Lands Department u anke ġibna n-numru tal-file biex il-Kunsill, jekk ikun irid, ikun jista iġib klarifikazzjoni fuqhu.

2.6 Is-Sindku qalet li għandna nikkuntattjaw lill-Lands u ngħidulhom li hemmhekk għandu jingħalaq għax ma jistax ikun jibqa' jitnaddaf mill-Kunsill ladarba dan ma jagħmilx ma' Ħal Lija.

2.7 Is-Segretarju nfurmat li l-kuntrattur għamlilna pjaċir u naddafulna peress li dan ma kienx parti mill-kuntratt tiegħu. Hija nfurmat ukoll li xi erbgħa xhur ilu dan tnaddaf mill-Kitchen Garden.

2.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 4.8 il-kwistjoni ta' Sqaq Nru.2 Triq Preziosi. Hija qed tgħid li Kunsill Lokali ieħor għamlu ħadida fejn tindika l-għoli ta' trukkijiet li jistgħu jgħaddu (height restrictor).

2.9 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant issuġerixxa ukoll li għandna nagħmlu żewġ bollards fil-bidu tat-triq biex it-triq tidjieq u ma jkunux jistgħu jidħlu trukkijiet kbar.

2.10 Ġie deċiż li għadna nibagħtu lit-TM li sibna soluzzjoni oħra flok il-bankina għaliex f'Kunsill Lokali ieħor ġiet installata ħadida fejn tindika l-għoli tat-trukkijiet (height restrictor) li għandhom jidħlu f'dan l-isqaq jew inkella jiġu installati żewġ bollards fil-bidu net tat-triq.

2.11 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq nr 4.5 tal-minuti nr 46, fejn wasalna bir-*Road Markings* fit-Triq Giuseppe Cali.

2.12 Is-Segretarju nfurmat li dan ix-xogħol huwa pendenti peress li qed tinġabar lista ta' xogħolijiet tal-Perit biex insejjħulu darba biss. Hija kompliet tgħid li rridu naraw il-*priorities* tal-Perit minħabba l-ispejjes.

2.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li kellmuha xi residenti minn Triq Fernand Gregh biex isiru il-lines peress li dan ir-resident ma jkunx jista' joħroġ mill-garage.

2.14 Is-Sindku kompliet tgħid li din it-triq suppost għandha tiġi *resurfaced* mill-Gvern Ċentrali. Hija qalet li, skond l-ahhar informazzjoni, din qeda fil-lista ta' xogħolijiet imma ma jafux meta ser issir. Qabel ma ssir it-triq il-linji ma jistgħux isiru għax diffiċli biex jinżebgħu l-linji fl-istat li qeda it-triq. Jistgħu forsi isiru il-*one meter double yellow lines* ħdejn il-garaxxijiet biss għalissa.

2.15 Is-Sindku qed tgħid li din it-triq issir 'one way' anke kif qeda fuq il-pjan ta' Prof. Maria Attard. Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq dan. Dan is-suġġett, ta' traffic management, irid ikompli jiġi diskuss ta' kif ser tinħadem.

2.16 Is-Segretarju nfurmat li qed jagħtu ċitazzjonijiet fl-isqaq il-

Kunċizzjoni numru 1 fejn m'hemmx yellow lines fil-kantuniera. Hija qalet li l-warden mhux qed jiġi mibgħut mill-Kunsill imma fejn hemm kantuniera hemm jew m'hemmx lines, qed jagħtu ċitazzjonijiet. L-istess ġara fi Triq Geraldu Azzopardi.

2.17 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal peress li Triq Preziosi hija lesta għandhom isiru parking bays u linji f'din it-triq.

2.18 Is-Sindku u s-Segretarju nfurmaw lill-Kunsill li l-ġurnata ta' qabel marru 'on-site'quddiem is-sala tal-Mirakli fejn kien hemm ilment li l-karozzi qed jipparkjaw fuq il-bankina l-wiesgħa li hemm quddiem is-sala. Il-Kunsill kien għamel il-bollards u dawn ittellawhom meta jkun hemm party fis-sala.

2.19 Is-Sindku spjegat li minn fejn jispiċċa il-yellow lines ħdejn il-kaxxa li hemm reserved tas-sala jistgħu isiru żewġ *parking spaces along side*, wara jiġi quddiem is-sala. Eżatt kif tispiċċa s-sala għandna nitolbu lit-TM permess biex nirkbu ftit fuq il-bankina peress li din hija wiesgħa ħafna u jistgħu isiru parking bays oħra. Jekk din tiġi approvata, il-bankina xorta tkun wiesa zewg metri u nofs. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.20 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk tneħħiex ir-reserved minn Triq Annibale Preca peress li issa il-garage tar-residenta huwa lest u issa qed tipparrkja ġol-garage. Is-Segretarju għandha tiċċekkja dwar dan.

2.21 Is-Segretarju nfurmat li kellimha s-sagristan tal-Kappella tal-Mirakli fejn qal li minħabba l-yellow lines li saru, n-nies mhux qed jattendu għall-quddies fil-Kappella tal-Mirakli iktar. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li mhux responsabilta' tagħha jekk isir xi aċċident. Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni dwar dan.

2.22 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li għandhom isiru bollards, nagħtu ċavetta lis-Sagristan u jiftaħ u jagħlaq skond il-bżonn tal-quddies. Il-Kunsill qabel dwar dan wara li tinġieb approvazzjoni mit-TM.

2.23 Approvazzjoni tal- Part-Time clerk tal-Kunsill. Is-Segretarju qrat e-mail li kienet ada kemm waslet mill-Avukat tal-Kunsill fejn ġie mitlub jagħti l-parir tiegħu fuq kif saret il-proċedura biex tiġi impjegata part-timer mal-Kunsill ta' Ħal Lija.

2.24 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Avukat staqsietu biex jagħtina parir fuq jekk il-Kunsill mexiex skond il-Local Council HR Regulations bħala proċedura kif sar biex tiġi ingaġġata part timer mal-Kunsill. Hija kompliet tgħid li staqsietu speċifikament jekk konniex skond ir-regola ta' l-HR Regulations tal-Kunsilli Lokali peress li l-interviews tmexxew mis-Sindku u s-Segretarju peress li fid-data u l-

ħin li iddeċidiet is-Sindku ħadd mill-Kunsilliera ma seta' jattendi. Is-Segretarju bagħtet dawn ir-regolamenti lill-Kunsill kollu u qalet li m'hemm xejn x'jindika kemm irid ikun hemm fl-*interviewing board* biex tiġi ngaġġata part-time clerk mal-Kunsill. Staqsiet lil l-Avukat ukoll li peress li fir-regolamenti ta' l-HR is-Segretarju ried jiġi awtorizzat mis-Sindku biex ikun fl-interviewing board, is-Sindku tat awtorizzazzjoni lis-Segretarju fl-laqgħa tal-21 t'April 2016.

2.25 Hawnhekk, is-Sinjorina Lorraine Farrugia – s-Sinjorina Stephanie Cutajar esprimew il-fatt li s-Sindku iddeċidiet hi bid-data u l-ħin u b'daqshekk ma morniex barra mill-liġi imma irid ikun hemm ukoll ir-rispett lejn xulxin.

2.26 Is-Sindku qalet li din kienet urġenti ħafna, għalhekk ma tatx dati oħra għal l-*interviews*. Hija kompliet tgħid li kellha tħassar laqgħa hi biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill peress li ma kien hemm ħadd li seta f'dati oħra.

2.27 Is-Sindku kompliet tgħid li nispera li l-part-timer li ntgħażlet ser tinghogob minn kulħadd u kuħhadd ikun kuntent biha.

2.28 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li l-kwistjoni kollha mhiex fuq min intgħażel imma fuq il-proċess kif sar. Huwa qal li s-suġġeriment tiegħu huwa li ssir ittra u tiġi iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju li l-proċess sar kif jitolbu l-HR regulations tal-Kunsilli Lokali.

2.29 Is-Segretarju qalet li l-Kunsill kollu għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax lill- part-timer li intgħażlet waqt l-interviews li saru jew ghandnix nergghu nibdew il-proceduri mill-gdid.

2.30 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li jekk issir il-karta bil-kitba li ssemmiet iktar il fuq, il-Kunsill ghandu jkun covered fl-eventwalita li jkun hemm xi domandi mill-Awdituri, Dipartiment, ecc.

2.31 Is-Sindku qalet li ma ssibx oġġezzjoni li tiffirma din il-karta imma tħossha li ma għandix għalfejn għax ma nkissret ebda liġi. Imma biex il-Kunsill ikun kuntent, din l-ittra ser issir. F'din l-ittra għandu jkun hemm miktub li d-data u l-ħin ta' meta saru l-interviews, li ġew segwiti l-proċeduri skond HR Regulations tal-Kunsilli Lokali, min kien l-interviewing board anke għal fatt li fil-ħin u data li s-Sindku għażlet, il-Kunsilliera ma setgħux jattendu, kemm ġew intervistati nies u min intgħażel.

2.32 Il-Kunsill kollu qabel li Ms Audrey Pace, hi hija l-persuna li ntagħżlet fl-interviews li saru biex tibda' tahdem nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016.

2.33 Is-Segretarju nfurmat li għal l-ewwel żewġ sibtijiet ma tkunx *worthit* li tidħol is-Sibt peress li Pamela ikollha tidħol is-Sibt magħha ukoll

xorta waħda.  Fuq kollox is-Sibt ma tantx jiġu nies daqs kemm ikun hemm fost il-ġimgħa.

2.34 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill it-Tender Originator Form tas-sistema l-gdida tat-tenders EPPS, biex tiġi approvata.  Hija qalet li  Bulky Refuse Tender ser tinfetaħ fl-10 ta' Ġunju fil-12.15p.m. u l-Kunsilliera għandhom jattendu ghal ftuh u l-agudikazzjoni.  Is-Segretarju nfurmat li sfortunatament din it-tender ser tagħalaq fil-12.15p.m., bħala ma' dejjem għalqu it-tenders fil passat, li mhuwiex ħin addattat għall-Kunsilliera.  Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema ta' l-uffiċċju ukoll iridu jkunu preżenti għal ftuħ u l-adġudikazzjoni tat-tenders.  Darb'oħra l-ħin biex jinfetħu u jiġu aġudikati it-tenders irid ikun tard wara nofsinhar.  Is-Sur Massimo Scerri qal li huwa żgur ma jkunx jista jattendi qabel il-ħamsa ta' wara nofsinhar.   Għanda tintbagħat request lis-Sinjorina Lorraine Farrugia peress li huwa importanti li hija tattendi għall-ftuħ u l-aġudikazzjoni tat-tenders, u biex ma tingħatax invigilation waqt dak il-ħin.  Għandna nibgħatu reminder lis-Sinjorina Stephanie Cutajar biex infakkruha biex tattendi għal ftuħ u l-aġudikazzjoni ukoll.

2.35 Hawnhekk is-Segretarju faħħret u irringrazzjat lil l-istaff kollu tal-Kunsill peress li huma irnexxilhom joħorġu din it-tender bis-sistema l-ġdida ta' EPPS.  B'mod speċjali faħħret u irringrazzjat lis-Sinjorina Pamela Borg li ghalkemm l-anqas biss attendiet il-kors li sar fuq l-e-tenders,  irrnexxilha tifinalizza dan it-tender.  Hija issa qed taħdem fuq l-erba tenders li ser jagħlqu iktar tard din is-sena.  Nirringrazzjaw anke lid-Dipartiment ta' l-għajnuna u l-paċenzja biex lis-istaff setgħu isibu tarf ta' din is-sistema l-ġdida.

2.36 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport biex jimtela rigward request għal Reserved Parking mit-TM fi Triq Robert Mifsud Bonniċi ħdejn dar no.33 St. Joseph.  Il-Kunsill unanimament approva dan ir-request.

2.37 Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill rapport ieħor biex jimtela rigward request ieħor mit-TM għal  Reserved Parking fi Triq Carmelo Farrugia.  Il-Kunsill approva unanimament dan ir-request.

2.38 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara l-laqgħa li hija kellha mas-Sur Daniel Tabone tal-GreenPak biex jiġi identifikat kemm il-Kunsill ħallas għall-ġbir tar-recycling bag ta' kull nhar tat-Tlieta u kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-GreenPak kienu lesti li reinbursjaw il-flus. Il-Green Pak ikkonfermaw li ser jinbursjaw is-somma ta' €9713.45 minn Awissu sa Diċembru 2014, is-sena kollha

2015 u minn Jannar sa' April 2016 kif spjegat hawn taħt:

| Month | Number of Tuesdays | Daily Rate (Excluding VAT) | Amount to pay (Excluding VAT) | LC Tender Ref |
|---|---|---|---|---|
| August | 2* | €93.22 | €186.44 | QLLC-03/2014 |
| September | 5 | €93.22 | €466.10 | QLLC-03/2014 |
| October - December | 13 | €94.74 | €1231.62 | LLC-T01/2014 |
| January - December | 51** | €94.74 | €4,831.74 | LLC-T01/2014 |
| January - April | 17 | €94.74 | €1,610.58 | LLC-T01/2014 |

Minn Mejju 2016, il-GreenPak iridu jirċievu l-invoice mill-Kunsill flimkien mad-delivery notes li għandhom jintbagħtu mill-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart.

2.39 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li peress li issa ser nircievu dawn il-flus mingħand il-GreenPak, u forsi xi fondi oħra staqsiet jekk tistax terġa' tibda torganizza xi ħarġiet kif kienet tagħmel qabel bis-sussidju fuq it-trasport. Hija semmiet il-ħarġa għal Għawdex u ħarġa tat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta, pero isiru dawn iż-żewġ attivitajiet biss għalissa. Data tentattiva għall-ħarġa ta' Għawdex hija 1 ta' Lulju 2016. Irid jiġi iċċekkjat kemm jiġi t-trasport u l-attivita' ssir fuq *first come first served basis* biex nikru private waħda biss. Fuq avviżi lir-residenti, xorta waħda għandna nagħmlu notices fin-notice boards, ħwienet, navżaw lill-Kappillan u facebook. Fuq il-ħarġa tat-tfal għandhom jiġu ikkuntatjati t-tfal li jattendu s-soltu.

2.40 Il -Minority Leader Dr.Marc Sant informa lill-Kunsill li ser isiru żewġ attivitajiet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Waħda fis-26 ta' Mejju 2016 fuq EU funding għall-Kunsilliera wara nofsinhar u l-oħra fis-17 ta' Ġunju 2016 fuq Enerġija, Climate filgħodu.

2.41 Waqt dan il-ħin, resident ċempel lis-Sindku fuq l-*objection* ta' Dance Floor Studio. Peress li l-Kunsill tiġieh spiża kbira biex joġġezzjona waħdu ġie deċiż li joġġezzjona mar-residenti u jħallas somma żgħira ta' flus peress li tinqasam bejn dawn kollha li qed joġġezzjonaw.

2.42 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq l-ittra tal-bars li kienet ġiet ippreparta mill-uffiċċju u intbatgħet lill-Kunsilliera għal l-approvazzjoni. Hija qalet li l-Kunsill ma' kien iddeċieda xejn fuq il-ħinijiet tal-bars. Is-Segretarju nfurmat li din ġiet miżjuda peress li s-Sindku kellha xi ilmenti u għalhekk ntbagħtet din l-ittra lill-Kunsilliera biex din tiġi approvata. Saret diskussjoni fuq il-ħin li għandha tieqaf

il-mużika li suppost sal-11.00p.m. Is-Sindku qalet li jekk l-istorbu ikun 'disturbing public peace' tista twaqqfu f'kull ħin. Is-Sindku qalet li fl-ittra għandna niktbu li għandna nirispettaw lir-residenti. Ġie deċiż li flok l-ittra, il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-bar owners nhar is-Sibt 11 ta' Ġunju 2016 fl-10.00a.m. Il-Kunsill għandu jiltaqa' fid-9.30a.m. biex jittiehed il-grupp photo għal fuq il-website.

2.43 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-oġġezzjoni ta' Triq Daniel Sammut, fejn ser jinbnew 27 appartament , penthouse. Din l-area hija Villa area. Wara li l-Kunsill iddiskuta ġie approvat li ser joġġezzjona.

2.44 Il-Kunsill tkellem fuq il-linji ta' Triq Giuseppe Cali u Triq Preziosi u għalkemm it-toroq lesti, minħabba l-ispiża tal-perit baqa jiddiskuti jekk dawn hux ser nipproċedu bix-xogħolijiet.

2.45 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq is-siġar tal-Mirakli u anke fiċ-Ċentru Rekreattiv fejn qed jogħla l-madum. Is-suġġeriment kien li nkabbru ir-railing u inżiedu l-ħamrija. Għandu jiġi ikkuntatjat il-kuntrattur il-ġdid tal-ġonna anke jiġu l-Kunsilliera jiltaqgħu miegħu biex nieħdu l-parir tiegħu u naraw x'jista' jsir.

2.46 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-attivita' ta' Jum Ħal Lija. Huwa qal li irid isir budget u naħsbu fuq il-programm. Irridu naraw anke fuq Ġieh Ħal Lija. Ser niċċirkolaw e-mail fuq il-programm ta' Jum Ħal Lija.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, ressqet ilment minn Triq Il-Knisja fejn il-garbage qed jiġi imgezzez. L-azzjoni ittieħdet immedjetament u saru stickers biex dan ma jkomplix isir l-anqas mill-kollettur stess. Il-kuntrattur ġie nfurmat ukoll li meta jaqa' xi ħaġa mill-garbage bag din tinġabar jew tinkines. Ir-residenti irringrazzjaw lis-Sindku għall-azzjoni li ittieħdet.

3.2 Is-Sindku qalet li fi Triq il-Knisja kien sar suġġeriment mill-Kunsill biex issir bollard peress li l-karozzi qed jipparkjaw fuq iz-zuntier. Jekk isir hekk ir-residenti irid ikollhom ċavetta biex ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu. Il-Kunsilliera iddiskutew fit-tul biex jaraw x'hini l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema. Il-Kunsill qabel biex issir request lit-TM biex kif taqbeż id-dar 'Markita' fi Triq il-Knisja mat-tieni koxxa, issir bollard fin-nofs u tingħata ċavetta lir-residenti.

3.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-proġett ta' l-Erasmus fejn il-Kunsill applika ghal dan il-progett. Hija qalet li ma ġiex aċċettat.

3.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li għandha tintbagħat e-mail fuq proġett Paragon fuq xi studenti li jiġu Malta biex jitgħallmu l-Ingliż, biex jaraw jekk il-Kunsilli ikunu interessati fihom. Meta nirċievu l-e-mail il-Kunsill jara u jiddeċiedi.

3.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill dokument mingħand il-Bord tal-Appell fuq proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali fejn kien jgħid li l-ebda proġett li kien sottomess mill-Kunsill cioe' :

a. Bini ta' l-uffiċċju tal-Kunsill l-ġdid li jinkludi fih servizzi oħra
b. Tizbieħ ta' Żona madwar Villa Francia
c. Restawr tat-Torri Belvedere

l-ebda wieħed minn dawn il-progetti ma ġie approvat.
Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant waqt li qed jara dan id-dokument qal li l-permess għar-restawr tat-Torri skada f'Marzu li għadda. Dan kien sar mill-Perit Claude Busuttil fit-2010 u kien għal ħames snin. Irridu naraw x'irid isir biex dan jiġġedded.

3.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fil-laqgħa tas-Sindki ġew infurmati li s-sistema tal-MEPA ser tkun kollha 'on line'

## 4. Korrispondenza

4.1 Resident li qed jirranġa post fi Triq Robert Mifsud Bonnici kif tidhol eżatti qed jagħmel request biex titneħħa l-lampa li hemm imwaħħla mal-ħajt tiegħu. Huwa qed jitlob biex tiġi *shifted* għal faċċata fuq il-pole li hemm fejn qiegħdin il-lampi l-oħra. Huwa qal li kif inhi bħalissa d-dawl tagħha mitfi bil-bini u kieku titwaħħal mal faċċata turi aktar dawl għal ġo triq. Is-Segretarju qalet li milli jidher skond l-aħħar sentenza tar-request, ir-request huwa li tiġi *shifted* permanenti u mhux sakemm titranġa l-faċċata tal-binja tiegħu. Il-Kunsill ma jsib oġġezzjoni diment li ma joġġezzjonawx ir-residenti u jħallas l-ispejjes hu jekk ikun hemm.

4.2 Residenta li toqgħod Triq Ġużeppi Portelli qed tagħmel request biex fil-passaġġ id-dejjaq li jieħdok għal Kitchen Garden titwaħħal tabella biex ma jgħaddux trakkijiet għax dejjem qed jgħaddu trakkijiet li jeħlu, jigirfu l-ħajt jew jdawru ż-żewġ tabelli l-oħra li hemm. Il-Kunsill qabel ma din ir-request, teħel ma' naħa tal-ħajt ta' Villa Ogirra imma biex ma jsirx pole ieħor din is-sign għandha teħel fuq l-istess pole li hemm l-Stop Sign.

4.3 Resident qed jagħmel request biex quddiem il-garaxx tiegħu numru 4 fi Triq N.Cottoner jsiru l-linji sewwa. Huwa għandu kaxxa quddiem il-garaxx imma ta' spiss ma jkunx jista joħroġ għax jipparkjawlu. Huwa ilu jissaporti u allura issa qed jitlob biex skond il-ligi jsiru double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx. Il-Kunsill qabel ma' din ir-request pero għandna nitolbu lit-TM biex dawn il-lines isiru 0.5 metres biex ma jintilifx parking space.

## 5. Approvazzjoni ta' l-Audit Adjustments u Amendments tas-sena Finanzjarja 2015

5.1 F'dan il-ħin (6.10p.m.) waslet l-Accountant biex tispjega l-audit adjustements biexjiġu approvati.

5.2 L-Accountant spjegat li wara li saru xi emendi u adjustments, il-Kunsill ġie b'surplus ta' €7212.00 u mhux ta' €5000.00 kif kien ġie spjegat meta gew approvati l-unaudited Accounts.

5.4 L-Accountant kompliet tispjega l-Accounts kif ġew aġġustati.

5.5 Dawn l-aġġustamenti ġew approvtati mill-Kunsill unanimament. Dawn l-Accounts iridu jiġu uploaded fuq is-site tal-Kunsill immedjetament u anke għanda tintbagħat kopja lil Mazars l-Awdituri.

5.6 Il-parir ta' l-Accountant huwa li inkomplu nonfqu €20,000 kull xahar għal l-operat tal-Kunsill. Din hija skond l-allokazzjoni li għandna kull xahar u għandna inħallsu l-kredituri mill-allokazzjoni anke il-pagamenti ta' Polidano Brothers fuq il-proġett tal-PPP.

5.7 Is-Segretarju nfurmat lil Accountant li l-*patching* ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ħdejn il-fabbrika ta' Nestle u anke z-*zebra crossing lights* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni ser jitħallsu mill-fondi ta' LES. Dan wara li jiġi approvat mir-Reġjun Ċentru. Wara li jitħallsu dawn iż-żewġ proġetti ikun fadal xi €600.00 biss mill fondi tar-Reġjun.

5.8 L-Accountant ħarġet mill-uffiċċju tal-Kunsill fis-6.50p.m. Kopja ta' l-Accounts għandhom jiġu scanned u jintbagħtu lill-Kunsilliera.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li bħala kredituri wara li titħallas din l-iskeda sallum tammonta għall- €18,500.

6.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma' approvawx l-ewwel zewg pagamenti fuq l-iskeda dawk tal-Waste Collection Ltd.

6.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia l-iskeda tal-ħlasijiet ġew approvati. Il-petty cash ma ntużawx matul dan ix-xahar.

## 7. Aġġornament.

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal ***nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2016 fi 5:15PM.***

**IFFIRMATA**

***[Isem u Kunjom]***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***[Isem u Kunjom]***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***[data]***